MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 907/2007

Michael u Vincent aħwa **ŻERAFA** u marthom Jane Żerafa u Moira Żerafa, għal kull interess li jista' jkollhom

vs

Francis **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Awissu, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek wettaq spoll bi ħsara għalihom meta, fl-aħħar jiem ta' Lulju tal-2007, tella' filati ta' ġebel quddiem ix-xatba li minnha jridu jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom u għar-razzett fil-qasam magħruf bħala "*Ta' Ġnien Għelmuxi*", f'Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, u wkoll billi tefa'

oġġetti u imbarazz wara l-imsemmija xatba biex b'hekk xekkilhom milli jinqdew bl-imsemmija mogħdija kif ilhom jagħmlu għal żmien twil; (b) tikkundanna lill-imħarrek biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha timponilu, jneħħi l-filati tal-ġebel li tella' u l-oġġetti u l-imbarrazz li ġamma' wara x-xatba, b'mod li jerġa' jqegħidhom fil-pussess sħiħ u l-jeddijiet li huma kellhom qabel sar minnu l-għamil ta' spoll; u (ċ) f'każ li l-imħarrek jonqos li jwettaq dak kollu lilu ordnat fiż-żmien lilu mogħti mill-Qorti, tagħtihom is-setgħa li jagħmlu huma dak kollu meħtieġ biex jieħdu lura l-pussess, bi spejjeż għall-istess imħarrek, u dan taħt is-sorveljanza ta' perit minnha maħtur jekk ikun il-każ u taħt il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u meħtieġa. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Settembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-1 ta' Ottubru, 2007, bl-ismijiet tax-xhud li kien fi ħsiebhom iressqu u l-għan tax-xiehda ta' kull wieħed;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-5 ta' Novembru, 2007, li magħha kien hemm mehmuża x-xhieda bl-affidavit tal-atturi Michael u Vincent Żerafa;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-20 ta' Novembru, 2009, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li huwa wettaq xi għamil ta' spoll, u billi qal li l-atturi għad fadlilhom aċċess bir-riġel għar-raba' u l-ambjenti tar-razzett kif sa minn dejjem kellhom;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fis-26 ta’ Ottubru, 2011[1], li biha qal li ma kellux provi oħrajn x’iressaq u li l-allegat spoll kien tneħħa;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta’ Ottubru, 2011, li bih ħatret lill-Avukat maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ x-xhieda tal-imħarrek fil-kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Diċembru, 2011[2], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat il-verbal tal-aċċess miżmum minnha fuq il-post fl-20 ta’ Diċembru, 2011[3];

Rat il-verbali tas-smigħ bejn it-18 ta’ Jannar, 2012 u l-20 ta’ Ġunju, 2012, li bihom il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jippruvaw jaslu bi ftehim bejniethom barra l-Qorti. Il-partijiet baqgħu ma waslux u l-Qorti tathom żmien mill-ġdid biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-12 ta’ Ottubru, 2012[4];

Rat li, minkejja li tawlet iż-żmien, l-imħarrek baqa’ ma ressqux is-sottomissjonijiet tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Diċembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 96 tal-proċess
[2] Paġ. 126 tal-proċess
[3] Paġġ. 127 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 134 – 145 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' spoll. L-atturi jgħidu li l-imħarrek xekkel il-jedd tagħhom ta' aċċess b'mogħdija għar-raba' mqabbla lilhom u għall-ambjenti ta' razzett li huma għandhom minnu, b'xogħlijiet ta' titligħ ta' ċint tal-ġebel u tfigħ ta' materjal u imbarazz wara xatba li minnha kienu jidħlu għall-imsemmi raba' u razzett. Iridu li l-imħarrek ineħħi kulma għamel u li jerġa' jagħtihom it-tgawdija sħiħ tal-mogħdija kif kellhom sa minn żmien twil qabel;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad li wettaq xi spoll u billi qal li l-atturi għad għandhom kull jedd li jaċċedu bil-mixi għar-raba' tagħhom u għar-razzett;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi żmien lejn il-bidu tal-1979, l-atturi Michael u Vincent Żerafa krew mingħand il-Professur Joseph M Ganado porzjon raba' li tinsab fil-qasam magħruf bħala "*Ta' Ġnien Għelmuxi*", fi Triq il-Qortin, f'Bubaqra, fil-limiti taż-Zurrieq[5], u wkoll ambjenti minn razzett li jinsab fl-istess qasam. Missier l-imħarrek, li kien jismu Mikiel Camilleri, kien iqabbel biċċa raba' minn dak il-qasam ukoll u biċċa mir-razzett flimkien ma' żewġ familji oħrajn. Ir-raba' u r-razzett huma ta' sidien differenti – imma mqabblin lill-atturi, lill-imħarrek (li ħa t-titolu mingħand missieru) u liż-żewġ familji l-oħrajn (Saliba u Magro)[6]. Minħabba li l-biċċiet tar-raba' m'għandhomx kollha dħul dirett minn triq pubblika, ikollhom jgħaddu minn fuq xulxin. Sa minn żmien hemm mogħdija. L-imħarrek jisħaq li din il-mogħdija hija waħda bir-riġel[7] u ssegwi l-bixra dritta, wara li tgħaddi minn quddiem ir-razzett għal-lemin taħt il-ħajt ta' mat-triq u tikser lejn ix-xellug għal ġor-raba'[8];

Illi r-razzett jinsab imiss mal-parti ta' mat-triq fuq in-naħa tax-xellug meta wieħed iħares mid-direzzjoni tat-triq. Għandu dħul dirett minn ġot-triq, imma għandu dħul ieħor minn wara l-ħajt ta' barra. Id-dħul għar-raba' hu minn xatba tal-ħadid. Quddiem il-bieb tar-razzett hemm bħal wesgħa msaqqfa li, fin-naħa tal-lemin tagħha u taħt il-ħajt ta' barra, tgħaddi l-mogħdija mertu tal-każ. Ftit passi 'l

[5] Dok "JMG", f'paġ. 79 tal-proċess
[6] Dok "CAS", f'paġ. 69 tal-proċess
[7] Affidavit tiegħu 29.12.2010, f'paġ 89 tal-proċess
[8] Dok "FS1", f'paġ. 92 tal-proċess

quddiem f'dik id-direzzjoni, l-mogħdija tikser lejn ix-xellug u tifraq il-ħbula ta' raba', bir-raba' tal-imħarrek tiġi fuq ix-xellug (ir-riħ tal-punent) tal-mogħdija u r-raba' mqabbel lil terzi (Saliba u Magro) jiġi fuq il-lemin (ir-riħ tal-lvant). Ir-raba' mqabbel lill-atturi (sid tiegħu l-Professur Joe M Ganado) jiġi wara dak imqabbel lill-imħarrek. Iżda wara l-ħabel raba' mqabbel lill-atturi jinsab raba' ieħor imqabbel lill-imħarrek (sid tiegħu l-ispiżjar Cecil Fiorini);

Illi fl-aħħar jumejn ta' Lulju 2007, l-attur Michael Żerafa lemaħ lill-imħarrek itella' ċint tal-ġebel wiesa' madwar tliet iknaten u m'ogħla erba' filati quddiem ix-xatba (min-naħa ta' wara) li minnha l-gabillotti jidħlu mit-triq pubblika għal ġor-raba' tagħhom. Iċ-ċint dejjaq il-mogħdija li l-atturi kienu jinqdew biha biex jidħlu bil-mutur tal-ħart għar-raba' tagħhom[9]. L-attur l-ieħor jgħid li rah jagħmel dan ukoll[10];

Illi fit-28 ta' Awissu, 2007, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, l-imħarrek stqarr li neħħa parti mill-ġebel li kien sar u l-imbarazz li kien ġamma' wara x-xatba[11];

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> xieraq jingħad mill-bidu nett li, min-natura tal-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha, l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm fiċ-Ċitazzjoni l-atturi jsemmu wkoll l-artikolu 534 tal-imsemmi Kodiċi, huwa ċar li din tagħhom tallum m'hijiex l-azzjoni taż-żamma fil-pussess, imma dik tar-reintegrazzjoni;

Illi hija fin-natura tal-azzjoni tal-ispoll li l-Qorti tqis biss il-kwestjonijiet intimament marbutin magħha, mingħajr ma tindaħal f'dawk marbutin mat-titolu vantat mill-partijiet u li jagħmel sehem mill-istħarriġ ta' aspetti petitorji. Din il-preċiżazzjoni trid issir tabilfors minħabba li jidher li d-difiża

[9] Dok "MŻ", f'paġġ. 10 u 12 tal-proċess
[10] Dok "VŻ", f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu 22.11.2011, f'paġġ. 118 – 9 tal-proċess

ewlenija tal-imħarrek tinbena fuq il-fehma tiegħu li l-mogħdija li jistgħu jinqdew biha l-atturi trid tkun waħda bir-riġel biss u mhux ukoll bl-inġenji (bħal mutur tal-ħart jew il-karru tiegħu). Difiża bħal din, f'każ bħal dan, tabilfors titlob stħarriġ fi kwestjoni petitorja u b'hekk ma tistax tkun ta' siwi għas-soluzzjoni ta' kwestjoni li tintrabat biss mal-pussess. Dak li jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ f'kawża bħal din hu l-pussess jew iż-żamma u l-fatt tat-tneħħija jew it-tnaqqis tiegħu;

Illi f'dan ir-rigward, u sewwasew minħabba l-qafas partikolari li fih tista' titressaq azzjoni ta' spoll, il-Qorti m'hijiex sejra tqis fatti u ċirkostanzi li l-atturi jsemmu fix-xhieda tagħhom u li jmorru lura għal żmien ta' aktar minn xahrejn qabel ma fetħu din il-kawża. Dawn il-fatti ma jistgħu jkunu qatt ta' fejda għall-atturi f'din il-kawża, għalkemm il-Qorti tista' tqishom meta tiġi biex tagħraf l-imġiba u l-atteġġamenti tal-partijiet;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[12] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[13]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[14], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[15] u dak tal-ispoll[16]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[17]. Huwa magħruf ukoll li

---

[12] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[13] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[14] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[15] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[16] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[17] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);

din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[18] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[19];

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandha tingħata tifsira sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[20]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[21]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[22], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[23];

Illi l-fatt tal-pussess irid jintwera mill-parti li tallega li tkun ġiet imfixkla mill-istess pussess. Il-Qorti hija tal-fehma li, l-fatt waħdu li l-parti mħarrka tkun għamlet xi ħaġa li biha tikseb aċċess jew pussess għal xi ħaġa, ma jissarrafx awtomatikament fil-prova tal-ispussessar tal-parti l-oħra. Kif ingħad diġa', l-azzjoni tal-ispoll privileġġat ma tħarisx biss il-pussess esklussiv tal-parti li tkun, iżda l-pussess

---

[18] Art. 537 tal-Kap 16
[19] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[20] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[21] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[22] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[23] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***

ukoll konġunt jew pussess flimkien ma’ persuni oħrajn. Għalhekk, il-fatt li persuna oħra tikseb pussess ma jfissirx minnufih li l-persuna l-oħra tkun tilfitu[24]. Fi kliem ieħor, il-prova tal-pussess fil-ħaġa mill-parti attriċi trid tkun prova pożittiva tal-pussess;

Illi lanqas l-imħarrek ma jiċħad li l-atturi kellhom jedd ta’ aċċess mill-mogħdija. In-nuqqas ta’ qbil bejniethom joħroġ mill-kwestjoni dwar x’inhu l-estent ta’ tali jedd (hu jgħid li l-mogħdija kienet biss bir-riġel u li l-użu tagħha kien imħolli bil-bona grazzja tiegħu u, qablu, ta’ missieru) u li bil-qadi ta’ dak l-aċċess ma ssirx ħsara lill-uċuħ fir-raba’ tiegħu. Issa huwa magħruf li fejn il-parti mħarrka tallega li ż-żamma tal-parti attriċi kienet b’sempliċi tolleranza, allegazzjoni bħal din trid tiġi ippruvata minn min jallegaha imqar fuq bażi *prima facie*[25]. Ghalhekk, jekk kemm-il darba t-tolleranza ma toħroġx mad-daqqa t’għajn, u għalhekk tkun eskluża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ jedd ta’ azzjoni ta’ spoll imsejsa fuqha ma tibqax aktar ammissibbli[26]. Wieħed ma jridx jinsa li dan l-istħarriġ irid isir dejjem fil-qafas tal-indaġni “*limitatissima, rigoruża u skarna*”[27] li l-azzjoni ta’ spoll iġġib magħha. Huma meqjusin bħala atti ta’ sempliċi tolleranza dawk imnissla “*nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollerache altri faccia sulla cosa che ci appartiene cio’ che non avrebbe diritto alcuno di farvi*”[28]. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun żamma b’sempliċi tolleranza dik fejn il-ħaġa tkun miżmuma b’sempliċi korteżija jew fejn ħaddieħor ikun jista’ jirtiraha x’ħin irid[29]. B’żieda ma’ dan kollu, jingħad ukoll li l-għemejjel ta’ sempliċi tolleranza għandhom xejra ta’ transitorjeta’ u saltwarjeta’[30]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f’azzjoni ta’ pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m’għandhiex normalment tiġi meqjusa[31];

---

[24] Ara App. Ċiv.**20.3.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Refalo vs Rapa et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.405**)
[25] P.A. **27.5.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.608)**
[26] App. Ċiv. **28.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.i.245**)
[27] App. Ċiv. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Falzon vs Joseph u Maryanne konjuġi Camilleri*** (mhix pubblikata)
[28] Ricci, Corso di Diritto Civile (Vol V, pag. 73)
[29] App. Ċiv. **2.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Carabott*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.315)**
[30] App. Inf. **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Cuschieri et vs Anġlu Ċilia***
[31] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi, minbarra dan, f'dan il-każ jista' jingħad li, jekk l-atturi laħqu kisbu maż-żmien servitu' personali mnissel minn dritt ta' mogħdija neċessarja, huma għandhom jedd li jitolbu l-ħarsien tal-liġi permezz tal-azzjoni possessorja tal-ispoll kontra l-awtur tal-għamil li fixkilhom fil-pussess tiegħu[32]. Fuq kollox, mill-provi li tressqu, jirriżulta li l-eżerċizzju mill-atturi nbeda sa minn meta r-raba' tqabbel lilhom fl-1979;

Illi b'ġabra ta' dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li l-atturi seħħilhom juru b'mod tajjeb li huma kellhom il-pussess tal-mogħdija li dwarha fetħu din il-kawża u dan fi grad meħtieġ biex isejsu l-ewwel element tal-azzjoni magħżula minnhom;

Illi lanqas ma jiswa jingħad li l-atturi xorta waħda għadhom jistgħu jidħlu fir-raba' tagħhom mill-istess xatba, għaliex huwa magħruf li l-ispoll jimmaterjalizża wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[33]. Kemm hu hekk, minkejja li matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża l-imħarrek stqarr li neħħa wħud mill-knaten li kien tella' wara x-xatba, l-mogħdija li tħalliet xorta waħda kienet idjaq minn kif kienet f'Lulju tal-2007, u l-istess imħarrek kien deher li jaqbel li jneħħi l-knaten li kien fadal[34];

Illi <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni kontra min ikun wettqu[35]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[36];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-

[32] Ara, per eżempju, P.A. **15.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Montebello vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.562**) li kienet tittratta dwar spoll minn mogħdija
[33] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)
[34] Xhieda tiegħu f'paġġ. 121 u 124 tal-proċess
[35] App. Ċiv. **31.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Jaccarini et. vs Star Investments Ltd.***
[36] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***

għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[37];

Illi mill-provi mressqa jirriżulta bla ebda dubju li l-atturi wrew li ma kinux jaqblu max-xogħlijiet li l-imħarrek għamel fil-post. Fil-każ tal-lum, l-imħarrek ammetta li x-xogħlijiet saru minnu. Saħansitra, lejn l-aħħar tal-kawża ressaq nota biex jgħid li kien neħħa x-xogħlijiet kollha li dwarhom kienu oġġezzjonaw l-atturi. Waqt l-aċċess, il-Qorti setgħet tara li dan ma kienx minnu għal kollox;

Illi huwa miżmum ukoll li l-ispoll iseħħ imqar jekk il-parti spoljata ma tkunx tilfet għal kollox il-pussess li kellha qabel[38]. Ikun biżżejjed jekk il-pussess li jkun tħallielha jġib tbatija jew skomdu li qabel ma kienx jirriżulta bl-użu ta' dak il-pussess. Hekk ġara fil-każ tal-lum: l-atturi wrew bi provi li bil-mod kif inbena ċ-ċint u twaħħlu mal-ġnub tar-raba' pjanċi qishom ilqugħ tal-*corrugated metal sheeting*, l-atturi ma setgħux aktar isuqu mutur tal-ħart minn fuq il-mogħdija lejn ir-raba' tagħhom. Lanqas setgħu jipparkjaw il-karru fil-wesgħa fejn kienu jħalluh qabel[39];

Illi, għalhekk hawn ukoll dan it-tieni element tal-azzjoni huwa ippruvat kif imiss;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza[40]. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur b'mod li jekk jonqos li jagħmel dan kif imiss, jitqies li naqas li jipprova l-każ tiegħu[41];

Illi fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda kwestjoni dwar jekk l-atturi fetħux il-kawża f'waqtha. Ix-xogħlijiet li minnhom jilmintaw l-atturi saru fl-aħħar jumejn ta' Lulju tal-2007 u l-kawża nfetħet fix-xahar ta' wara;

---

[37] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[38] P.A. RCP **25.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Filippa Abela vs Alfons sive Alfie Bonavia et*** (mhix appellata)
[39] Ara r-ritratti "MV8" sa "MV11", f'paġġ. 19 – 22 tal-proċess
[40] P.A. NC **13.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred P. Farruġia et ne vs Peter Paul Cutajar***
[41] App. Ċiv. **11.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Arends et vs Veronica sive Veronique Mizzi***

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, dan it-tielet element jirriżulta pruvat kif imiss;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek wettaq spoll bi ħsara tal-atturi meta, kontra r-rieda tagħhom, tella' ħajt tal-ġebel u ġemma' materjal u imbarazz quddiem ix-xatba li minnha jridu jidħlu għar-raba' mqabbel lilhom u għar-razzett fil-qasam magħruf bħala "*Ta' Ġnien Għelmuxi*", fi Triq il-Qortin, f'Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, biex b'hekk xekkilhom milli jinqdew bl-imsemmija mogħdija kif ilhom jagħmlu għal żmien twil;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrek biex, fi żmien xahrejn mil-lum, jagħmel bi spejjeż tiegħu dak kollu meħtieġ biex jerġa' jqiegħed kollox kif kien qabel Lulju tal-2007 u b'hekk jagħti lill-atturi l-pussess li kellhom dwar il-mogħdija qabel sar dak ix-xogħol;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tawtoriżża lill-atturi biex, f'każ li l-imħarrek jonqos li jwettaq dak lilu ordnat fiż-żmien lilu mogħti, jagħmlu huma kulma huwa meħtieġ u bi spejjeż għall-istess imħarrek, biex jerġa' jitqiegħed kollox kif kien qabel ma sar l-għamil spoljattiv; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** biex iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------